

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 341

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

15 ta' Ottubru 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1480 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1481 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ..... 7

#### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1482 tal-14 ta' Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi** ..... 9
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1483 tal-14 ta' Ottubru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ..... 16

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1480

tal-14 ta' Ottubru 2020

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2018/1542.
- (2) Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny, mexxej prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja, iddaħħal l-isptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa, minħabba l-kundizzjoni serja ta' saħħa tiegħu.
- (3) Fit-22 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny ġie ttrasportat lejn Berlin, il-Ġermanja, fejn ġie eżaminat bir-reqqa.
- (4) Fit-2 ta' Settembru 2020, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ħabbar li laboratorju speċjalizzat tal-Forzi Armati Federali kien sab evidenza li Alexei Navalny kien soġġett għal avvelenament b'aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dik is-sejba ġiet sussegwentement ikkorroborata minn laboratorji fi Franza u fl-Iżvezja, kif imħabbar fl-14 ta' Settembru 2020.
- (5) Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, ikkundanna t-tentattiv ta' qtil fuq Alexei Navalny. L-użu ta' armi kimiċi jikkostitwixxi ksur serju tal-liġi internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew appella lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa biex jikkooperaw b'mod sħiħ mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi biex tiġi żgurata investigazzjoni internazzjonali imparzjali u biex daww responabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja.
- (6) F'dak il-kuntest, u fid-dawl tat-theddida kontinwa ppreżentata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, jenħtieġ li sitt persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. ROTH

---

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542:

**A. PERSUNI FIŻIĊI**

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
<p>10. Andrei Veniaminovich YARIN (Андрей Вениаминович ЯРИН)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 13 ta' Frar 1970; Post tat-twelid: Nizhny Tagil; Nazjonalità: Russa; Titlu: Kap tad-Direttorat Presidenzjali għall-Politika Domestika</p>	<p>Andrei Yarin huwa l-Kap tad-Direttorat Presidenzjali għall-Politika Domestika fl-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali fil-Federazzjoni Russa. F'din il-funzjoni, huwa inkarigat mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjonijiet politiċi interni. Andrei Yarin inħatar ukoll għal task force fl-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali li r-rwol tagħha kien li tiġġieled kontra l-influenza ta' Alexei Navalny fis-soċjetà Russa inkluż permezz ta' operazzjonijiet imwettqa biex jiskreditawh.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiċi minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwiissu 2020. Fl-20 ta' Awwiissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwiissu 2020, huwa ttehed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali. Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli, Andrei Yarin huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020</p>
<p>11. Sergei Vladilenovich KIRIYENKO (Сергей Владиленович КИРИЕНКО)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 26 ta' Lulju, 1962; Post tat-twelid: Sukhumi; Nazjonalità: Russa; Titlu: L-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali</p>	<p>Sergei Kiriyyenko huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa. F'din il-funzjoni, huwa responsabbli għall-affarijiet domestiċi, inkluż gruppi u attivitajiet politiċi.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiċi minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwiissu 2020. Fl-20 ta' Awwiissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwiissu 2020, huwa ttehed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali. Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli f'dak l-Uffiċċju, Sergei Kiriyyenko huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020</p>

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
12. Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 22 ta' Awwissu 1960; Post tat-twelid: Alagir; Nazzjonalità: Russa; Titlu: Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja	<p>Sergei Menyailo huwa r-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja u f'din il-kariga huwa responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tas-setgħat kostituzzjonali tal-President inkluż l-implimentazzjoni tal-politika domestika u dik barranija tal-Istat. Sergei Menyailo huwa wkoll membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiċi minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttejed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli bħala r-rappreżentant ta' dak l-Uffiċċju fid-Distrett Federali tas-Siberja, Sergei Menyailo huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	15.10.2020
13. Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV (Александр Васильевич БОРТНИКОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 15 ta' Novembru 1951; Post tat-twelid: Perm; Nazzjonalità: Russa; Titlu: Direttur tas-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa	<p>Aleksandr Bortnikov huwa d-Direttur tas-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa u f'din il-kariga huwa responsabbli għall-attivitajiet tal-aġenzija prinċipali tas-sigurtà fir-Russja.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiċi minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mis-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttejed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi u filwaqt li jittieħed kont tal-fatt li Alexei Navalny kien taħt sorveljanza fil-ħin tal-avvelenament tiegħu, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament kien possibbli biss bl-involvement tas-Servizz Federali tas-Sigurtà.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fis-Servizz Federali tas-Sigurtà, Aleksandr Bortnikov huwa għalhekk responsabbli li pprova appoġġ lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	15.10.2020

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
<p>14. Pavel Anatolievich POPOV (Павел Анатольевич ПОПОВ)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 01 ta' Jannar 1957; Post tat-Twelid: Krasnoyarsk; Nazzjonalità: Russa; Titlu: Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Pavel Popov huwa l-Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u f'din il-kariga għandu r-responsabbiltà kumplessiva għall-attivitàjiet ta' riċerka. Dan jinkludi s-superviżjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi tal-Ministeru, inkluż l-iżvilupp ta' armi u tagħmir militari potenzjali u l-modernizzazzjoni ta' dawk eżistenti.</p> <p>Il-Ministeru għad-Difiża tar-Russja assumi r-responsabbiltà għall-ħażniet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika u l-ħżin sikur tagħhom sakemm setgħet titlesta l-qerda tagħhom.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Bħala konsegwenza tar-responsabbiltà kumplessiva tal-Ministeru għad-Difiża għall-ħżin sikur u l-qerda ta' armi kimiċi, l-użu ta' tali armi kimiċi fit-territorju tal-Federazzjoni Russa jista' jkun biss bħala riżultat ta' intenzjoni jew negliġenza mill-Ministeru għad-Difiża u t-tmexxija politika tiegħu.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fil-Ministeru għad-Difiża, Pavel Popov huwa għalhekk responsabbli li assista lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020</p>
<p>15. Aleksei Yurievich KRI-VORUCHKO (Алексей Юрьевич КРИВОРУЧКО)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 17 ta' Lulju, 1975; Post tat-Twelid: Stavropol; Nazzjonalità: Russa; Titlu: Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Aleksei Krivoruchko huwa l-Viċi Ministru fil-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa bir-responsabbiltà kumplessiva għall-armamenti. Dan jinkludi s-superviżjoni tal-istokkijiet tal-armi u tat-tagħmir militari tal-Ministeru. Huwa responsabbli wkoll mill-eliminazzjoni tagħhom fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' trattati internazzjonali assenjati lill-Ministeru għad-Difiża.</p> <p>Il-Ministeru għad-Difiża tar-Russja assumi r-responsabbiltà għall-ħażniet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika u l-ħżin sikur tagħhom sakemm setgħet titlesta l-qerda tagħhom.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Bħala konsegwenza tar-responsabbiltà kumplessiva tal-Ministeru għad-Difiża għall-ħżin sikur u l-qerda ta' armi kimiċi, l-użu ta' tali armi kimiċi fit-territorju tal-Federazzjoni Russa jista' jkun biss bħala riżultat ta' intenzjoni jew negliġenza mill-Ministeru għad-Difiża u t-tmexxija politika tiegħu.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fil-Ministeru għad-Difiża, Aleksei Krivoruchko huwa għalhekk responsabbli li assista lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020"</p>

B. PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
<p>"2. L-Istitut tar-Riċerka Xjentifika tal-Istat għall-Kimika Organika u t-Teknoloġija (State Scientific Research Institute for Organic Chemistry and Technology (GosNIIOKhT))</p> <p>(Государственный научно-исследовательский институт органической химии и технологии)</p>	<p>Indirizz: Shosse Entuziastov 23, 11 124 Moscow, Moscow Oblast, Russia;</p> <p>Tel: +7 (495) 673 7530;</p> <p>Fax: +7 (495) 673 2218;</p> <p>Sit web: <a href="http://gosniokht.ru">http://gosniokht.ru</a></p> <p>Indirizz elettroniku: <a href="mailto:dir@gosniokht.ru">dir@gosniokht.ru</a></p>	<p>L-Istitut tar-Riċerka Xjentifika tal-Istat għall-Kimika Organika u t-Teknoloġija (State Scientific Research Institute for Organic Chemistry and Technology (GosNIIOKhT)) huwa istitut tar-riċerka tal-istat bir-responsabbiltà għall-qedra tal-istokkijiet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika.</p> <p>L-istitut fir-rwol oriġinali tiegħu qabel l-1994 kien involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi kimiċi inkluż l-aġent nervin tossiku li issa huwa magħruf bħala "Novichok". Wara l-1994, l-istess faċilità ħadet sehem fil-programm tal-gvern għall-qedra tal-istokkijiet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>L-użu ta' aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok għalhekk ikun possibbli biss minħabba n-nuqqas tal-Istitut li jwettaq ir-responsabbiltà tiegħu li jeqred il-ħażniet ta' armi kimiċi.</p>	<p>15.10.2020"</p>



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1481****tal-14 ta' Ottubru 2020****li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Fit-12 ta' Mejju 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni, fisem l-Unjoni, li ddikjarat li l-Unjoni għadha determinata li tara li l-embargo fuq l-armi tan-NU fil-Libja jiġi rrispettat b'mod sħiħ. Ġie enfasizzat ukoll li jridu jsiru l-isforzi kollha biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, anke permezz tal-fruntieri tal-art u tal-ajru mal-Libja.
- (3) Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1309 <sup>(2)</sup>, li identifika tliet entitajiet involuti fil-ksur tal-embargo fuq l-armi tan-NU.
- (4) Il-Kunsill għadu mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u b'mod partikolari dwar atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Libja, inkluż ksur tal-embargo fuq l-armi tan-NU.
- (5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li persuna involuta ftali atti tinżied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif stabbilit fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH

<sup>(1)</sup> ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1309 tal-21 ta' Settembru 2020 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 305 I, 21.9.2020, p. 1).

## ANNEX

Fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44, taħt l-intestatura, "Parti A Persuni", tizzied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"22.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович Пригожин)	Data tat-twelid: 1 ta' Ġunju 1961 Post tat-twelid: Lenin-grad (San Pietruburgu) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeniy Viktorovich Prigozhin huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib, inkluż finanzjarji, mal-kumpannija militari privata Grupp Wagner. B'dan il-mod, Prigozhin hu involut fl-attivitajiet u jipprovi appoġġ lill-attivitajiet tal-Grupp Wagner fil-Libja li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiż. B'mod partikolari, il-Grupp Wagner hu involut fi ksur multiplu u ripetut tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbilit fl-UNSCR 1970 (2011) u traspost fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, inkluż it-twassil ta' armi kif ukoll l-iskjerament ta' merċenarji fil-Libja b'appoġġ għall-Armata Nazzjonali Libjana. Il-Grupp Wagner ipparteċipa f'operazzjonijiet militari multipli kontra l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali approvat min-NU u kkontribwixxa biex jikkawża danni lill-istabbiltà tal-Libja u jimmina l-proċess ta' paċi."	15.10.2020

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1482

tal-14 ta' Ottubru 2020

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 <sup>(1)</sup> li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.
- (2) Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny, mexxej prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja, iddaħħal l-isptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa, minħabba l-kundizzjoni serja ta' saħħa tiegħu.
- (3) Fit-22 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny ġie ttrasportat lejn Berlin, il-Ġermanja, fejn ġie eżaminat bir-reqqa.
- (4) Fit-2 ta' Settembru 2020, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ħabbar li laboratorju speċjalizzat tal-Forzi Armati Federali kien sab evidenza li Alexei Navalny kien soġġett għal avvelenament b'aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dik is-sejba ġiet sussegwentement ikkorroborata minn laboratorji fi Franza u fl-Iżvezja, kif imħabbar fl-14 ta' Settembru 2020.
- (5) Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, ikkundanna t-tentattiv ta' qtil fuq Alexei Navalny. L-użu ta' armi kimiċi jikkostitwixxi ksur serju tal-liġi internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew appella lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa biex jikkooperaw b'mod sħiħ mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi biex tiġi żgurata investigazzjoni internazzjonali imparzjali u biex daww responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja.
- (6) F'dak il-kuntest, u fid-dawl tat-theddida kontinwa ppreżentata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, jenħtieġ li sitt persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M.ROTH

---

L-entrati li ġejjin jiddaħħlu taħt l-intestatura "Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 2 u 3" fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544:

**A. PERSUNI FIŻIĊI**

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
<p>10. Andrei Veniaminovich YARIN  (Андрей Вениаминович ЯРИН)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 13 ta' Frar 1970; Post tat-twelid: Nizhny Tagil; Nazzjonalità: Russa;  Titlu: Kap tad-Direttorat Presidenzjali għall-Politika Domestika</p>	<p>Andrei Yarin huwa l-Kap tad-Direttorat Presidenzjali għall-Politika Domestika fl-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali fil-Federazzjoni Russa. F'din il-funzjoni, huwa inkarigat mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjonijiet politiċi interni. Andrei Yarin inħatar ukoll għal task force fl-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali li r-rwol tagħha kien li tiġġieled kontra l-influenza ta' Alexei Navalny fis-soċjetà Russa inkluż permezz ta' operazzjonijiet imwettqa biex jiskreditawh.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiki minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttiēhed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali. Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli, Andrei Yarin huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020</p>
<p>11. Sergei Vladilenovich KIRIYENKO  (Сергей Владиленович КИРИЕНКО)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 26 ta' Lulju, 1962; Post tat-twelid: Sukhumi; Nazzjonalità: Russa;  Titlu: L-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali</p>	<p>Sergei Kiriyyenko huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa. F'din il-funzjoni, huwa responsabbli għall-affarijiet domestiċi, inkluż gruppi u attivitajiet politiċi.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiki minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttiēhed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja</p>	<p>15.10.2020</p>

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
		<p>sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali. Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli f'dak l-Uffiċċju, Sergei Kiriyeenko huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li huwa meqjus bħala użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	
<p>12. Sergei Ivanovich MENYAILO  (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 22 ta' Awwissu 1960; Post tat-twelid: Alagir; Nazjonalità: Russa; Titlu: Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja</p>	<p>Sergei Menyailo huwa r-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja u f'din il-kariga huwa responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tas-setgħat kostituzzjonali tal-President inkluż l-implimentazzjoni tal-politika domestika u dik barranija tal-Istat. Sergei Menyailo huwa wkoll membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiki minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttehed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament ta' Alexei Navalny kien possibbli biss bil-kunsens tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli bħala r-rappreżentant ta' dak l-Uffiċċju fid-Distrett Federali tas-Siberja, Sergei Menyailo huwa għalhekk responsabbli li instiga u appoġġa lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	15.10.2020
<p>13. Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 15 ta' Novembru 1951;</p>	<p>Aleksandr Bortnikov huwa d-Direttur tas-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa u f'din il-kariga huwa responsabbli għall-attivitajiet tal-aġenzija prinċipali tas-sigurtà fir-Russja.</p>	15.10.2020

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
(Александр Васильевич БОРТНИКОВ)	<p>Post tat-twelid: Perm;</p> <p>Nazzjonalità: Russa;</p> <p>Titlu: Direttur tas-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Alexei Navalny kien fil-mira ta' intimidazzjoni u repressjoni sistematiki minn atturi ġudizzjarji u tal-Istat fil-Federazzjoni Russa minħabba r-rwol prominenti tiegħu fl-oppożizzjoni politika.</p> <p>L-attivitajiet ta' Alexei Navalny kienu mmonitorjati mill-qrib mis-Servizzi tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa matul il-vjaġġ tiegħu lejn is-Siberja f'Awwissu 2020. Fl-20 ta' Awwissu 2020, huwa marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dawn iċ-ċirkostanzi u filwaqt li jittieħed kont tal-fatt li Alexei Navalny kien taħt sorveljanza fil-ħin tal-avvelenament tiegħu, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li l-avvelenament kien possibbli biss bl-involviment tas-Servizz Federali tas-Sigurtà.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fis-Servizz Federali tas-Sigurtà, Aleksandr Bortnikov huwa għalhekk responsabbli li pprova appoġġ lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelenament ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	
<p>14. Pavel Anatolievich ПОПОВ</p> <p>(Павел Анатольевич ПОПОВ)</p>	<p>Sess: raġel;</p> <p>Data tat-twelid: 01 ta' Jannar 1957;</p> <p>Post tat-Twelid: Krasnoyarsk;</p> <p>Nazzjonalità: Russa;</p> <p>Titlu: Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Pavel Popov huwa l-Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u f'din il-kariga għandu r-responsabbiltà kumplessiva għall-attivitajiet ta' riċerka. Dan jinkludi s-supervizzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi tal-Ministeru, inkluż l-iżvilupp ta' armi u tagħmir militari potenzjali u l-modernizzazzjoni ta' dawk eżistenti.</p> <p>Il-Ministeru għad-Difiża tar-Russja assuma r-responsabbiltà għall-ħażniet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika u l-ħżin sikur tagħhom sakemm setgħet titlesta l-qerda tagħhom.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttieħed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p>	15.10.2020

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
		<p>Bħala konsegwenza tar-responsabbiltà kumplessiva tal-Ministeru għad-Difiża għall-ħżin sikur u l-qerda ta' armi kimiċi, l-użu ta' tali armi kimiċi fit-territorju tal-Federazzjoni Russa jista' jkun biss bħala riżultat ta' intenzjoni jew negliġenza mill-Ministeru għad-Difiża u t-tmexxija politika tiegħu.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fil-Ministeru għad-Difiża, Pavel Popov huwa għalhekk responsabbli li assista lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelement ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	
<p>15. Aleksei Yurievich KRIVORUCHKO  (Алексей Юрьевич КРИВОРУЧКО)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 17 ta' Lulju, 1975; Post tat-Twelid: Stavropol; Nazjonalità: Russa; Titlu: Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Aleksei Krivoruchko huwa l-Viċi Ministru fil-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa bir-responsabbiltà kumplessiva għall-armamenti. Dan jinkludi s-superviżjoni tal-istokkijiet tal-armi u tat-tagħmir militari tal-Ministeru. Huwa responsabbli wkoll mill-eliminazzjoni tagħhom fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' trattati internazzjonali assenjati lill-Ministeru għad-Difiża.</p> <p>Il-Ministeru għad-Difiża tar-Russja assuma r-responsabbiltà għall-ħażniet ta' armi kimiċi li ntrirtu mill-Unjoni Sovjetika u l-ħżin sikur tagħhom sakemm setgħet titlesta l-qerda tagħhom.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttehed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>Bħala konsegwenza tar-responsabbiltà kumplessiva tal-Ministeru għad-Difiża għall-ħżin sikur u l-qerda ta' armi kimiċi, l-użu ta' tali armi kimiċi fit-territorju tal-Federazzjoni Russa jista' jkun biss bħala riżultat ta' intenzjoni jew negliġenza mill-Ministeru għad-Difiża u t-tmexxija politika tiegħu.</p> <p>Minħabba r-rwol tiegħu ta' tmexxija flivell għoli fil-Ministeru għad-Difiża, Aleksei Krivoruchko huwa għalhekk responsabbli li assista lill-persuni li wettqu jew li kienu involuti fl-avvelement ta' Alexei Navalny bl-aġent nervin Novichok, li jirrappreżenta użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.</p>	<p>15.10.2020"</p>



B. PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
<p>"2. L-Istitut tar-Riċerka Xjentifika tal-Istat għall-Kimika Organika u t-Teknoloġija (State Scientific Research Institute for Organic Chemistry and Technology (GosNIIOKhT))</p> <p>(Государственный научно-исследовательский институт органической химии и технологии)</p>	<p>Indirizz: Shosse Entuziastov 23, 11124 Moscow, Moscow Oblast, Russia;</p> <p>Tel: +7 (495) 673 7530;</p> <p>Fax: +7 (495) 673 2218;</p> <p>Sit web: <a href="http://gosniokht.ru">http://gosniokht.ru</a></p> <p>Indirizz elettroniku: <a href="mailto:dir@gosniokht.ru">dir@gosniokht.ru</a></p>	<p>L-Istitut tar-Riċerka Xjentifika tal-Istat għall-Kimika Organika u t-Teknoloġija (State Scientific Research Institute for Organic Chemistry and Technology (GosNIIOKhT)) huwa istitut tar-riċerka tal-istat bir-responsabbiltà għall-qerda tal-istokkijiet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika.</p> <p>L-istitut fir-rwol oriġinali tiegħu qabel l-1994 kien involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi kimiċi inkluż l-aġent nervin tossiku li issa huwa magħruf bħala "Novichok". Wara l-1994, l-istess faċilità ħadet sehem fil-programm tal-gvern għall-qerda tal-istokkijiet ta' armi kimiċi li ntirtu mill-Unjoni Sovjetika.</p> <p>Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny marad serjament u ddaħħal fi sptar f'Omsk, il-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Awwissu 2020, huwa ttehed lejn sptar f'Berlin, il-Ġermanja. Laboratorju speċjalizzat fil-Ġermanja sussegwentement sab evidenza ċara, ikkorroborata wkoll minn laboratorji fi Franza u l-Iżvezja, li Alexei Navalny ġie avvelenat minn aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok. Dan l-aġent tossiku huwa aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tal-Istat fil-Federazzjoni Russa.</p> <p>L-użu ta' aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok għalhekk ikun possibbli biss minħabba n-nuqqas tal-Istitut li jwettaq ir-responsabbiltà tiegħu li jeqred il-ħażniet ta' armi kimiċi.</p>	<p>15.10.2020"</p>

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1483****tal-14 ta' Ottubru 2020****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) Fit-12 ta' Mejju 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni, fisem l-Unjoni, li ddikjarat li l-Unjoni għadha determinata li tara li l-embargo fuq l-armi tan-NU fil-Libja jiġi rrispettat b'mod sħiħ. Ġie enfasizzat ukoll li jridu jsiru l-isforzi kollha biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, anke permezz tal-fruntieri tal-art u tal-ajru mal-Libja.
- (3) Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/1310<sup>(2)</sup>, li identifika tliet entitajiet involuti fil-ksur tal-embargo fuq l-armi tan-NU.
- (4) Il-Kunsill għadu mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u b'mod partikolari dwar atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Libja, inkluż ksur tal-embargo fuq l-armi tan-NU.
- (5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li persuna involuta f'tali atti tinżied mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi kif stabbiliti fl-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH

<sup>(1)</sup> ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1310 tal-21 ta' Settembru 2020 li jimplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 305 I, 21.9.2020, p. 5).

## ANNEX

(1) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, taħt l-intestatura, "Parti A Persuni", tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"19.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович Пригожин)	Data tat-twelid: 1 ta' Ġunju 1961  Post tat-twelid: Leningrad (San Pietruburgu) Nazzjonalità: Russa  Sess: raġel	Yevgeniy Viktorovich Prigozhin huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib, inkluż finanzjarji, mal-kumpannija militari privata Grupp Wagner.  B'dan il-mod, Prigozhin hu involut fl-attivitajiet u jipprovdri appoġġ lill-attivitajiet tal-Grupp Wagner fil-Libja li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiż.  B'mod partikolari, il-Grupp Wagner hu involut fi ksur multipli u ripetut tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbilit fl-UNSCR 1970 (2011) u traspost fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, inkluż it-twassil ta' armi kif ukoll l-iskjerament ta' merċenarji fil-Libja b'appoġġ għall-Armata Nazzjonali Libjana. Il-Grupp Wagner ipparteċipa f'operazzjonijiet militari multipli kontra l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali approvat min-NU u kkontribwixxa biex jikkawża danni lill-istabbiltà tal-Libja u jimmina l-proċess ta' paċi."	15.10.2020

(2) Fl-Anness IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, taħt l-intestatura "Parti A Persuni", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"24.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович Пригожин)	Data tat-twelid: 1 ta' Ġunju 1961  Post tat-twelid: Leningrad (San Pietruburgu) Nazzjonalità: Russa  Sess: raġel	Yevgeniy Viktorovich Prigozhin huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib, inkluż finanzjarji, mal-kumpannija militari privata Grupp Wagner.  B'dan il-mod, Prigozhin hu involut fl-attivitajiet u jipprovdri appoġġ lill-attivitajiet tal-Grupp Wagner fil-Libja li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiż.  B'mod partikolari, il-Grupp Wagner hu involut fi ksur multipli u ripetut tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbilit fl-UNSCR 1970 (2011) u traspost fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, inkluż it-twassil ta' armi kif ukoll l-iskjerament ta' merċenarji fil-Libja b'appoġġ għall-Armata Nazzjonali Libjana. Il-Grupp Wagner ipparteċipa f'operazzjonijiet militari multipli kontra l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali approvat min-NU u kkontribwixxa biex jikkawża danni lill-istabbiltà tal-Libja u jimmina l-proċess ta' paċi."	15.10.2020



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)